MEDIA RELEASE

**Istanbul, 25 ta' Mejju, 2013**

# Il-226 destinazzjoni għal Turkish Airlines – u Malta il-100 pajjiż

## Turkish Airlines, l-aħjar linja tal-ajru fl-Ewropa* b'lista ta' destinazzjonijiet l-iktar komprensiva, żiedu il-226 destinazzjoni f'100 pajjiż biż-żieda ta' Malta…

Turkish Airlines bdew joperaw titjiriet għal Malta, il-226 destinazzjoni f'100 pajjiż. Titjiriet bir-ritorn bejn Istanbul u Malta se jaħdmu tlett darbiet fil-ġimgħa nhar ta' Tlieta, l-Erbgħa u s-Sibt.

It-titjira TK1369 telqet minn Istanbul fin-12.35 p.m. ħin lokali u waslet fl-Ajruport internazzjonali ta' Malta fis-2.20 p.m. fejn ġie milqugħ bl-arkata tradizzjonali tal-ilma. L-ajruplan, Airbus A320 b'144 passiġġier abbord, ġie milqugħ minn seba' tfajliet u mużiċisti mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu f'ilbies tradizzjonali, li ppreżentaw fjura lil kull passiġġier qabel ma dawn marru fis-sala tal-wasliet.

Delegazzjoni għolja minn Turkish Airlines, immexxija minn Sezgin Sağlam, Viċi-President Anzjan, Sales and Marketing, kienu milqugħa fuq l-apron mill-Ministru Malti tat-Turiżmu Karmenu Vella, l-Ambaxxatriċi Torka għal Malta, is-Sinjura Refika Nihal Çevik, il-Kap Eżekuttiv tal-MTA Josef Formosa Gauci u l-Kap Eżekuttiva tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta Markus Klaushofer. Dawn imbagħad qatgħu żigarella ħdejn it-taraġ tal-ajruplan.

Wara daħlu fis-Sala Ministerjali fejn indirizzaw lill-media u qatgħu kejk ta' ċelebrazzjoni biex ifakkru l-okkażjoni.

Turkish Airlines, Office of Media Relations, General Administrative Building 34830 Yeşilköy-Istanbul
PRESS AND COMMUNICATIONS LINE: +90 (212) 463 63 63(1153-1173), Fax: +90 (212) 465 20 78, e-mail: press@thy.com

## MEDIA RELEASE

Is-Sur Sağlam qal: "Irridu ngħaqqdu Malta mal-kumplament tad-dinja u viċi-versa grazzi għal flotta ta' iktar minn 200 ajruplan."

Is-Sur Vella qal: "Din hi okkażjoni speċjali kemm għal Malta u Turkish Airlines. Dawn it-titjiriet tlett darbiet fil-ġimgħa se joħolqu kapaċità ta' 25,000 siġġu fis-sena, u b'hekk it-turiżmu bejn Malta u t-Turkija se jkompli jikber. Malta tista' tkun id-destinazzjoni li t-Turkija tista' tiskopri u, permezz tat-Turkija, il-bqija tad-dinja."

Is-Sinjura Çevik qalet: "Malta u t-Turkija jaqsmu valuri Mediterrani komuni." Awgurat suċċess lil Turkish Airlines biex tgħin lil Malta. Semmiet il-ftugħ tal-Ambaxxa Torka f'Malta fl-2009 bħala kontributur importanti għat-titjib tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi ."Ninsab kunfidenti li grazzi għal Turkish Airlines is-soċjetajiet ta' Malta u t-Turkija jsiru jafu lilhom infushom aħjar."

Is-Sur Formosa Gauci qal: "L-avveniment ta' llum hija l-qofol ta' ħafna xogħol mill-Ministeru tat-Turiżmu, l-awtorità tal-ajruport, u l-MTA u tiżgura livell tajjeb ta' aċċessibiltà u l-viżibiltà għal Malta madwar l-Ewropa u d-dinja. Se jkollna aċċess ukoll għall-226 destinazzjoni fejn Turkish Airlines itiru."

Is-Sur Klaushofer laqa' dan l-avveniment sinifikanti, il-bidu ta' operazzjoni importanti ħafna minn wieħed mill-linji tal-ajru ewlenin fid-dinja. Żied jgħid li din ma kinitx biċċa xogħol faċli għall-ajruport ta' Malta, iżda grazzi għall-koperazzjoni ta' eżekuttivi ta' Turkish Airlines u t-teamwork mal-gvern u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, illum (nhar is-Sibt) rajna żvilupp important fin-netwerk tal-Ajruport.

"Turkish Airlines hija l-ħames linja tal-ajru li bdiet topera lejn u minn Malta dan is-Sajf, u b'hekk l-Ajruport tagħna sar wieħed mill-aħjar fl-Ewropa bl-għadd ta' linji tal-ajru ġodda. Turkish Airlines huma l-aħħar operatur fil-qasam ta' dawk li ilhom joperaw (legacy) fit-taħlita ta' kummerċ tagħna – u b'hekk jemfasizza l-bżonn li niksbu tkabbir sostenibbli fit-tlett oqsma u jkollna l-bilanċ tant meħtieġ bejn legacy, low-cost u charter. Ninsabu ukoll kuntenti nkunu hawn illum, inżidu biċċa oħra fl-istrateġija biex ikollna iktar konnessjonijiet lejn u mill-Gżejjer Maltin," qal is-Sur Klaushofer.

## MEDIA RELEASE

Il-prezz introduttorju għal titjira bir-ritorn bejn Istanbul u Malta b'Turkish Airlines jibda' minn €99 (li jinkludi taxxi u miżati).

**Titjiriet** għal Malta kif huma ippjanati mill-25 ta' Mejju:**

| Flight No. | Ġurnata | Ħin ta' tluq | | Hin tal-wasla | |
|---|---|---|---|---|---|
| TK1369 | It-Tlieta, l-Erbgħa, is-Sibt | IST | 12:35 | MLA | 14:20 |
| TK1370 | It-Tlieta, l-Erbgħa, is-Sibt | MLA | 15:15 | IST | 18:35 |

****Il-ħinijiet kollha huma dawk lokali.**

*** Skont Skytrax**

Hemm prezz introduttorju għal titjiriet bir-ritorn bejn Istanbul u Santiago De Compostela li jibda minn €99 Euros (li jindludi taxxi u miżati).

Biex tara l-lista ta' titjiriet skedati, jekk jogħġbok żur is-sit elettroniku www.thy.com, ċempel il-call center tagħhom fuq +90 212 444 0849 jew żuri xi uffiċċju tal-bejgħ ta' TK.

**Turkish Airlines, Inc.**
**Media Relations**

Turkish Airlines, Office of Media Relations, General Administrative Building 34830 Yeşilköy-Istanbul
PRESS AND COMMUNICATIONS LINE: +90 (212) 463 63 63(1153-1173), Fax: +90 (212) 465 20 78, e-mail: press@thy.com

MEDIA RELEASE




**It-titjira TK1369 ta' Turkish Airlines tgħaddi mill-arkata tradizzjonali tal-ilma mal-wasla tagħha fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta**

TURKISH AIRLINES

A STAR ALLIANCE MEMBER

MEDIA RELEASE






**Il-Ministru tat-Turiżmu ta' Malta Karmenu Vella (fin-nofs) jindirizza l-press conference wara l-wasla tal-ewwel titjira tat-Turkish Airlines għal Malta minn Istanbul nhar is-Sibt wara nofsinha. Il-Viċi-President Anzjan ta' Turkish Airlines għal Sales u Marketing Sezgin Sağlam, qiegħed fuq il-lemin ħdejn l-Ambaxxatriċi tat-Turkija, is-Sinjura Refika Nihal Çevik. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu Josef Formosa Gauci qiegħed fuq il-lemin tal-Minisitru ħdejn il-Kap Eżekuttiv tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta Markus Klaushofer.**

TURKISH AIRLINES

A STAR ALLIANCE MEMBER

# MEDIA RELEASE




**Il-Viċi-President Anzjan ta' Turkish Airlines għal Sales u Marketing Sezgin Sağlam (fuq ix-xellug), u l-Ministru tat-Turiżmu ta' Malta Karmenu Vella iqabbdu l-labar fuq id-destinazzjoni ġdida ta' Turkish Airlines – Malta – minn Istanbul. Malta hija l-100 pajjiż li Turkish Airlines topera servizz bi skeda u l-226 destinazzjoni madwar id-dinja.**

**About Turkish Airlines:**

Established in 1933 with a fleet of only five airplanes, Star Alliance member, Turkish Airlines is today a four star airline with a fleet of 218 aircraft (passenger and cargo) flying to 225 cities around the world, comprised of 37 domestic and 188 international destinations. One of the fastest growing airline companies, Turkish Airlines has received several "Passengers Choice Awards" from the consumer ranking group, Skytrax. Based on 2011 and 2012 results, Turkish Airlines has been chosen as the winner of "Best Airline Europe", "Best Premium Economy Seats" for its Comfort Class seats and "Best Airline Southern Europe". It has also received awards for its catering and holds a coveted 4-star designation, putting the airline in a small group of top quality carriers. Turkish Airlines was also given the Skytrax designation of "World's Best Economy Class On-board Catering" in 2010, and Skyscanner's "Best On-board Food 2011". Long haul Business Class passengers also enjoy the Flying Chef service on-board.

**About Star Alliance:**

The Star Alliance network was established in 1997 as the first truly global airline alliance to offer worldwide reach, recognition and seamless service to the international traveller. Its acceptance by the market has been recognised by numerous awards, including the Air Transport World Market Leadership Award and Best Airline Alliance by both Business Traveller Magazine and Skytrax. The

# MEDIA RELEASE

member airlines are: Adria Airways, Aegean Airlines, Air Canada, Air China, Air New Zealand, ANA, Asiana Airlines, Austrian, AviancaTaca, Brussels Airlines, Copa Airlines, Croatia Airlines, EGYPTAIR, Ethiopian Airlines, LOT Polish Airlines, Lufthansa, Scandinavian Airlines, Shenzhen Airlines ,Singapore Airlines, South African Airways, SWISS, TAM Airlines, TAP Portugal, Turkish Airlines, THAI, United and US Airways. EVA Air have been announced as future members. Overall, the Star Alliance network offers more than 21,900 daily flights to 1,329 airports in 194 countries.

Turkish Airlines, Office of Media Relations, General Administrative Building 34830 Yeşilköy-Istanbul
PRESS AND COMMUNICATIONS LINE: +90 (212) 463 63 63(1153-1173), Fax: +90 (212) 465 20 78, e-mail: press@thy.com